# It-tieni tridu ta’ Santa Marija – L-Imqabba 2011
# Marija Omm Alla u omm il-Knisja

Sliem għalik kewkba tal-baħar
omm qaddisa u kbira ta’ Alla
dejjem verġni bla mittiefsa
bieb il-hena u ferħ tas-sema.
    Ilqa l-“Ave” li bil-qima
    Gabrijel qed isemmagħlek
    Ibdel fiha l-isem ta’ Eva
    Ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.
Qaċċat kull iribit tal-ħatja
Ġib id-dawl lill-għomja kollha
biegħed minna l-ħażen tagħna
niżżel fuqna l-ġid tas-sema
    Uri li tassew int ommna
    wassal talbna quddiem Alla
    Li fi ħnientu twieled minnek
    Biex isir għalina bniedem.
Verġni fost kulħadd magħżula
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq
itlob ‘l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.
    Għinna ngħaddu ħajja mseddqa
    Żommna sħaħ fit-triq iż-żgura
    sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
    ta’ Ġesù għal dejjem miegħek.

Il-bieraħ waqqafna l-vjaġġ tagħna tar-riflessjoni Marjana fl-ewwel sekli tal-kristjaneżmu bi kliem San Epifanju ta’ Salamina, li fis-seklu IV kien qal li l-Knisja, il-poplu l-ġdid ta’ Alla, tara f’Marija, il-Mara l-ġdida, l-omm tagħha. Illum se nagħtu ħarsa lejn l-ewwel kontroversja li nqalgħet madwar il-figura ta’ Marija, li mbagħad provvidenzjalment wasslet għall-ewwel definizzjoni

dommatika dwarha. Kien għalhekk li għażilt dan l-innu biex illum nibda bih. L-Ave maris stella, li fil-parroċċa tagħna nużawh fil-vġili u fis-solennità tal-Assunzjoni tal-Madonna, jaf il-bidu tiegħu qabel is-seklu VIII. Fil-medjuevu kien wieħed mill-aktar innijiet popolari f'ġieħ il-Madonna u fih jiġbor ħafna mit-tagħlim tal-knisja dwarha. Fih diġà naraw lil Marija msejħa "Dei Mater alma" – omm ħelwa ta' Alla – u din il-kwalità ta' omm testendiha għal fuq min jitlob lil binha Ġesù "monstra te esse matrem, sumat per te precem, qui pro nobis natus tulit esse tuus" – uri li int tassew omm, ħalli jilqa' permezz tiegħek it-talb dak li twieled għalina u ried ikun ibnek.

Ix-xbiha li se nipproponilkom illum biex tmexxina fir-riflessjoni tagħna hija l-pittura tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu li tinsab fil-kursija tal-knisja. Hemm qed naraw il-mument tat-twelid tal-knisja: l-appostli miġburin fit-talb qed jirċievu d-dawl tal-Ispirtu qaddis biex joħorġu mill-magħluq u jxandru l-bxara t-tajba lil kulħadd. F'nofshom tidher Marija, mhux biss bħala parti mill-komunità primitiva, imma wkoll bħala omm li tiġbor madwarha lil uliedha u żżommhom magħqudin flimkien.

Din id-definizzjoni ta' Marija bħala omm il-Knisja, li kif għedna bdiet mill-ħsibijiet ta' San Epifanju ta' Salamina wasslet biex iqum interess kbir fuq il-qdusija ta' Marija. Jekk il-Knisja li dak iż-żmien, anke akkost li tkun ippersegwitata, kienet tagħmel minn kollox biex tibqa' qaddisa u perfetta, mela kemm aktar hija perfetta u bla tebgħa dik li minnha tnisslet?

Il-parti l-kbira tal-mertu għat-tagħlim fuq il-qdusija perfetta tal-Madonna nafuh lill-konċilju ta' Efesu li sar fis-sena 431, l-ewwel konċilju b'marka marjoloġika ta' valur indispensabbli. Il-konċilji li saru qabel, fsothom ta' Niċea, ta' Kostantinopli u ta' Kalċedonja, kienu jduru kollha madwar il-misteru ta' Kristu. Mal-konċilju ta' Kalċedonja, li sar fis-sena 380, il-Knisja kienet stabilixxiet u kkonfermat it-tagħlim dwar Kristu, veru Alla u veru bniedem, it-tieni persuna tat-Trinità li ġie nkarnat f'Marija. Wara dan il-konċilju bdew sensiela ta' konċilji oħra, fosthom dan ta' Efesu, li jitrattaw aspetti oħra tal-fidi, u naturalment wara l-misteru ta' Kristu hemm il-misteru ta' Marija li huwa ta' importanza kbira ħafna.

Dan il-konċilju, li jaf il-bidu tiegħu minn battibekk politiku bejn Ċirillu, patrijarka ta' Lixandra, u Nestorju, patrijarka ta' Kostantinopli, wassal biex il-Knisja tagħmel l-ewwel stqarrija dommatika dwar Marija, li titratta l-għola prerogattiva tal-Madonna, l-ikbar grazzja li Alla għoġbu jżejjinha biha: dik tal-maternità divina tagħha. Mit-tagħlim li ħareġ minn dan il-Konċilju, li issa narawh ftit aktar fid-dettall għaliex kien hu li fetaħ beraħ il-bieb għal aktar riflessjoni profonda fuq il-figura ta' Marija, l-awtur tal-Ave maris stella kien ispirat biex jikteb l-istrofi li jitkellmu dwar il-maternità ta' Marija:

Sliem għalik kewkba tal-baħar
Omm qaddisa u kbira ta' Alla
Dejjem Verġni bla mittiefsa
Bieb il-hena u ferħ tas-sema

Uri li tassew int ommna
wassal talbna quddiem Alla
li fi ħnientu twieled minnek
biex isir għalina bniedem.

It-twemmin li Marija hi Omm Alla ma bediex fil-ħames seklu, fil-konċilju ta' Efesu. Hemm diversi testi antiki Griegi li fihom Marija tissejjaħ Theotokos. Waħda mill-eqdem kitbiet ġejja mis-seklu III u hija ittra mitkuba lejn is-sena 250 mill-isqof Djoniġi ta' Lixandra lill-isqof ta' Antjokja, Pawlu ta' Samosata. Pawlu kien dak li antiċipa l-ereżija tal-adozjoniżmu li tistqarr li iben Marija kien

bniedem bħall-oħrajn u li ġie adottat minn Alla u mgħolli għad-divinità. Fiha Djoniġi jinsisti li Kristu huwa t-tieni persuna tat-Trinità eterna u għalhekk Marija hija omm Alla. Kitbiet oħra ta' madwar mitt sena wara ġejjin mill-Isqfijiet San Atanasju ta' Lixandra u San Girgor ta' Nazjanzu, u kollha jirreferu għal Marija bħala Theotokos.

Theotokos, kelma Griega mill-kelmiet theos (Alla) u tikto (twelled) spiss tiġi tradotta bil-Latin bħala Mater Dei, imma traduzzjonijiet aktar preċiżi huma l-kelmiet Deipara u Dei genetrix, li letteralment, bħall-kelma Griega, jfissru "Dik li tiled lil Alla". Dan it-titlu, li minħabba l-qawwa tiegħu seta' faċilment jiġi mifhum ħażin, wassal lil xi teoloġi bħal Nestorju biex iħeġġu lin-nies ma jużawhx, biex jiġi evitat l-iżball li jaħsbu li t-tieni persuna tat-Trinità, l-Iben ta' Alla jaf il-bidu tiegħu minn Marija. Il-kelma li Nestorju ppropna kienet Christotokos: dik li tiled lil Kristu, sabiex jagħmel ċara d-differenza bejn l-Iben ta' Alla li kien minn dejjem, u l-Iben ta' Marija li twieled fiż-żmien. Dan iżda wassal biex inħolqot diviżjoni fil-persuna ta' Kristu. Din il-kelma wasslet lil xi nies biex jifhmu li kien hemm differenza bejn l-Iben ta' Alla u l-Iben ta' Marija, fis-sens li kienu żewġ persuni diversi, u allura kien hemm il-periklu li l-Inkarnazzjoni vera u

sħiħa tal-Iben tiġi ddubitata. Għal diversi sekli l-għorrief tal-Knisja kienu konvinti li din l-ereżija, li tolqot mill-qrib il-figuri ta' Marija u ta' Ġesù, kienet l-ikbar kriżi dottrinali fl-istorja tal-Kristjaneżmu għax iċ-ċaħda ta' Marija bħala Omm Alla kienet iċ-ċaħda tal-Inkarnazzjoni tal-Iben tiegħu.

F'ittra li Nestorju kiteb lill-Papa Ċelestinu I huwa jgħid li l-iben imwieled minn Marija huwa raġel bħall-oħrajn magħqud b'mod tal-għaġeb mat-tieni persuna tat-Trinità – dan ifisser li għalih iben Marija ma kienx eżattament Alla, imma sempliċement ġisem uman li fih qed iżomm lil Alla bla ma jrid. U għaldaqstant, Marija ma tistax tissejjaħ Omm Alla, għax hi kullma għamlet kien li ġabet fid-dinja lil dan il-ġisem li fih daħal l-Iben ta' Alla. L-omeliji ta' Nestorju f'dan ir-rigward ikkawżaw taqlib kbir fil-belt ta' Kostantinopli, tant li l-persuni li ma qablux mal-pożizzjoni ta' dan il-patrijarka saħansitra ġew maqfula fil-ħabsijiet u ttorturati. L-isqfijiet tal-ibliet tal-Imperu dlonk urew il-pożizzjoni tagħhom favur il-maternità divina tal-Madonna, fosthom anke Ġwanni l-patrijarka ta' Antjokja, l-belt li fiha kien twieled Nestorju. Ġwanni ta' Antjokja prova jikkonvinċi lil ħabibu bl-iżball tiegħu permezz ta' vers mill-ittra ta' San Pawl lil Galatin:

"meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, mwieled minn mara". Meta s-sitwazzjoni baqgħet l-istess, f'din il-ġlieda favur il-maternità divina tal-Madonna u kontra l-arroganza tal-patrijarka ta' Kostantinopli, daħal il-patrijarka ta' Lixandra, Ċirillu li permezz ta' numru kbir ta' omeliji u ittri, ddefenda dan il-privileġġ singulari ta' Marija. Fis-sena 430 il-papa Ċelestinu żamm sinodu f'Ruma li fih il-pożizzjoni ta' Nestorju ġiet ikkundannata u sena wara l-imperatur Teodosju nnifssu sejjaħ konċilju fil-belt ta' Efesu, li nżamm fil-katidral iddedikat lill-Madonna.

Fil-festa tad-dedikazzjoni tal-bażilka ta' Santa Marija Maggiore f'Ruma, l-ewwel knisja ddedikata lill-Madonna fil-Punent li ssir fil-5 ta' Awwissu għadha sal-lum tinqara parti mid-diskors li għamel Ċirillu fil-ftuħ tal-konċilju: "Insellmulek Marija, Omm Alla, teżor ta' ġieħ tad-dinja kollha, dawl li ma jintefiex, dijadema tal-verġni, xettru tat-tagħlim sewwa, tempju li ma jiġġarrafx, post li lqajt fik lil min xejn ma jesgħu, omm u xebba, li bik ġie fostna l-Mulej… bik jifirħu s-smewwiet, bik jithennew l-anġli u l-arkanġli, bik jitħarrbu x-xjaten, bik mis-sema waqa' l-ħażin li jġarrabna; bik ġie mtellgħa s-sema l-bniedem li

waqa'. Liema bniedem jista' jfaħħar biżżejjed lil Marija għall-ġieħ tagħha li jistħoqqlu kull tifħir?"

Fi tmiem dan il-konċilju l-isqfijiet miġbura stqarrew it-twemmin tagħhom li Marija hija omm it-tieni perusna tat-Trinità magħmul bniedem, u li għalhekk bla dubju u bla biża' ta' żball tista' u għandha tissejjaħ Omm Alla.

M'għandniex għax nistkantaw li kellu jkun proprju l-patrijarka ta' Lixandra li ddefenda bl-aktar mod qawwi din il-prerograttiva tal-Madonna. Fil-fatt mill-kitbiet tal-ewwel sekli li waslulna nafu li l-ewwel darba li Marija tissejjaħ Omm Alla kien f'omelija tas-seklu III magħmulha mill-presbiteru Lixandrin Pjerju u li ġġib l-isem ta' Peri metera tou theou "Dwar Omm Alla"; kien f'Lixandra li nsibu l-ewwel knisja ddedikata lill-Madonna taħt dan l-isem u kien f'Lixandra wkoll li ġiet ifformulata t-talba li ħafna minna għadna ngħidu sal-lum "taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla, la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, iżda eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o verġni glorjuża u mbierka".

Niżbaljaw iżda jekk naħsbu li sas-seklu V kienet biss il-knsija f'Lixandra li tqis lil Marija bħala Omm Alla. L-isqfijiet ta' qabel li lil Marija jsejjħulha hekk f'kitbiethom huma ħafna, u l-aktar magħrufin fosthom huma San Bażilju l-kbir, San Ġwann Kriżostmu, San Ambroġ ta' Milan, San Ilarju ta' Poitiers u Santu Wistin ta' Ippona. Isqfijiet oħra, bħal San Nilu tas-Sinaj, li miet sena qabel il-konċilju ta' Efesu, jgħidu li l-fatt li kulħadd kien iqis lil Marija bħala Omm Alla huwa t-twettiq ta' kliem Marija stess "kull nisel isejjaħli hienja għax is-setagħni għamel miegħi ħwejjeġ kbar".

U it-tagħlim tal-Knisja baqa' qatt ma nbidel fuq dan ir-rigward. Marija hija dejjem meqjusa bħala dik li tinsab l-eqreb lejn Alla, l-awqa medjatur bejn Alla u l-bniedem wara binha Ġesù, l-Omm li dejjem turi t-triq lejn binha. San Tumas ta' Akwinu fis-Summa theologiae jgħidilna li "ladarba hija Omm Alla, il-verġni mbierka għandha dinjità infinita li ġejja mit-tajjeb infinit li huwa Alla". Din is-silta ġiet anke ċitata mill-Papa Piju XI fl-enċiklika Lux Veritatis li nkitbet fl-okkażjoni tal-ħmistax-il ċentinarju tal-konċilju ta' Efesu. U f'din l-enċiklika l-Papa jagħmel nota interessanti: huwa jgħidilna li ladarba Marija hija omm is-salvatur, hi tiġi wkoll omm dawk kollha li jgawdu

minn din is-salvazzjoni. B'din l-affermazzjoni tal-Papa, li saret fl-1931, naraw kif il-Knisja marret lura għal dak il-punt li ħabba fih kiber l-interess dwar il-qdusija perfetta ta' Marija, li wassal għall-affarmazzjoni li Marija hi Omm Alla. Bħalma rajna l-punt tat-tluq kien dak li kien qal San Epifanju ta' Salamina, appuntu li Marija hija omm il-poplu l-ġdid ta' Alla.

Ma nistgħux għalhekk aħna nħarsu lejn Marija bħala Omm Alla mingħajr ma niftakru li hu stess tahielna bħala ommna. X'jiswa li nqimu lil din il-mara għax ġabet fid-dinja lill-Iben ta' Alla, jekk minn din il-verità ma noħorġux xi ħaġa ta' profitt spiritwali għalina?

Il-maternità ta' kull mara tikkonsisti f'żewġ mumenti mportantissmi li l-ebda wieħed minnhom ma jista' jkun nieqes: dawn huma l-mument tat-tnissil u l-mument tal-ħlas. Nistgħu ngħidu li Marija hija Omm Alla għax fiha t-tieni persuna tat-Trinità tnisslet u ħadet il-ġisem u eventwalment twieldet bħal kull persuna oħra. Meta d-diskors naqilbuh għal fuq il-maternità ta' Marija fuq dawk kollha li jemmnu, hemm bżonn li nibdlu ftit il-kliem, imma dejjem inżommu dawn iż-żewġ mumenti mportantissmi quddiem għajnejna.

Naturalment aħna ma ngawdux l-istess filjolanza fiżika, bioloġika li kien igawdi Ġesù.  Il-maternità ta' Marija fuqna lkoll hija maternità spiritwali, iżda biex dan seta' jseħħ, lilna lkoll Marija kellha tnissilna u twellidna spiritwalment.

Jekk inżommu quddiem għajnejna diversi siltiet tal-vanġelu bħalma huma: meta Kristu jgħid, "Kull min jagħmel ir-rieda ta' missieri hu ħija u oħti u ommi", jew inkella meta jgħid, "ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom" – x'setgħet kienet ir-reazzjoni ta' Marija meta kienet tisma' dal-kliem?  Tirrabja? Tieħu għaliha? Tgħid li binha ma kellux x'jagħmel jew li qed jonqosha mir-rispett?  Monsinjur Raniero Cantalamessa, li għal diversi snin serva bħala l-predikatur tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II, jgħidilna li f'dawn il-mumenti Marija kienet qed tagħraf ftit ftit il-missjoni ta' binha u anke l-missjoni tagħha.  Ladarba l-omm hija dejjem magħquda ħaġa waħda ma' binha, mela allura dawk li binha jsejjaħ, huma wkoll il-mistednin tagħha, dawk li binha jsejjaħ ħutu, huma uliedha.  Mela allura dawn il-mumenti li fihom Ġesù kien qed kien qed issejjaħ lill-bnedmin lejh, kienu l-mument meta Marija

kienet qiegħeda tnissel ġewwa fiha l-ulied l-oħra tagħha – dawk kollha li riedu jimxu wara binha.

Għedna li t-tieni mument indispensabbli għall-maternità, wara t-tnissil, huwa l-mument tat-twelid. U dan ġie meta Marija kienet wieqfa taħt is-salib ta' binha. Dan kien il-mument meta Marija għal darb'oħra, u b'mod ħafna akbar, batiet l-uġiegħ tal-ħlas. Il-kliem u s-simboliżmi li juża l-evanġelista' San Ġwann meta jpinġilna din ix-xena nistgħu ngħidu li huma tqal bis-sinnifikat. Imma għal-lum ħa nsemmi biss wieħed. Marija ssir l-omm ta' kull min jimxi wara binha mhux biss għax Ġesù jtiha lid-dixxiplu l-maħbub bħala binha, imma anke minħabba l-mod kif Ġesù isejjħilha: Mara.

Ir-raba' evanġelju huwa l-aktar wieħed li fih paralleliżmi moħbija mat-testment il-qadim, u din il-kelma hija waħda minnhom. 'Mara' żgur qed tirreferi, bħalma ġa għedna l-bieraħ, għall-ewwel mara, Eva. Mela hekk kif permezz tal-ewwel mara tnisslu u twieldu l-bnedmin kollha, permezz ta' din il-mara l-ġdida raw id-dawl il-bnedmin il-ġodda, dawk kollha li twieldu biex imorru jgawdu lil Alla fis-saltna tiegħu.

Forsi l-isbaħ spjegazzjoni ta' dan kollu nsibuh fil-kostituzzjoni dwar il-Knisja tal-konċilju vatikan II: "Il-Verġni mbierka kko-operat b'mod singulari fil-missjoni ta' binha permezz tal-ubbidjenza tagħha, il-fidi tagħha, it-tama tagħha u l-imħabba tagħha għall-ħidma tas-Salvatur biex jagħti ħajja ġdida lill-erwieħ. Għal din ir-raġuni lilha narawha bħala l-omm tagħna lkoll fl-ordni tal-grazzja". Il-konċilju jkompli jispjega kif l-interċessjoni singulari ta' Marija bejn il-bnedmin u Alla ma tnaqqas xejn mill-awtorità sħiħa ta' Alla, imma anzi tkompli turiha, għax Marija għandha tant qawwa proprju għaliex Alla għoġbu jżejjinha biha. Marija mhix ostaklu bejn il-bnedmin u Alla, anzi hija t-triq li twassal lil wieħed għand l-ieħor.

Permezz tal-konċilju Vatikan II il-Knisja 'skopriet' mill-ġdid lil Marija u r-rwol tagħha fil-mixja tagħna lejn Alla. Għal diversi sekli, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' studju serju fil-medju evu, l-Knisja qieset lil Marija bħala suġġett apparti mill-affarijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Knisja. Wara l-konċilju Vatikan II Marija reġgħet sabet postha bħala membru tal-Knisja, l-istess kif kienet ġiet ippreżentata fl-ewwel sekli fil-kitbiet tal-Missirijiet tal-Knisja. Il-konċilju mar lura għat-tagħlim

ta' Santu Wistin li jgħid: "Marija hija l-aktar membru mportanti tal-Knisja, imma hija dejjem membru, mhux għola mill-knisja jew maqtugħa minnha". Ma tmiem il-konċilju, il-Papa Pawlu VI kompla jistudja dan ir-rwol ta' Marija fil-Knisja u f'diskors li għamel fl-1964 huwa jsejjaħ lil Marija Omm il-Knisja għall-ewwel darba f'dokument tal-Maġisteru: "għall-akbar glorja tal-Verġni Marija, u għall-ħarsien tagħna, aħna nsejjħu lil Marija bħala Omm il-Knisja, omm il-poplu kollu ta' Alla li jsejjħilha bħala l-Omm l-aktar ħanina. Jalla dan l-isem tant sabiħ jagħti ġieħ għola lil Marija u jwassal aktar insara biex isejjħulha fi bżonnijiethom".

Jekk minn dan li qalu l-papiet indawwru ħaristna lejn il-qagħda tagħna fl-Imqabba, nistgħu nsaqsu lilna nfusna jekk aħna napprofittawx minn din il-maternità ta' Marija fuqna lkoll, bħala Knisja, bħala nsara u bħala Mqabbin. Lill-Madonna narawha bħala omm li tinbidilx u li ma fihiex diviżjoni, jew inkella narawha biss bħala statwa jew titlu u nieqfu hemm? Jekk lil ommna llibsuha l-blu jew l-aħmar ma tibqax dejjem l-istess persuna? Ħuti darba wieħed ħabib tiegħi kien qalli "intom għandkom grazzja li ma tafux tapprezzaw. Għandkom xorti fil-parroċċa tagħkom il-festi li tiċċelebraw huma kollha tal-Madonna,

kif jirnexxielkom tużawhom għall-firda u mhux għall-għaqdna?!" Kapaċi aħna l-festi tagħna nagħmluhom bħalma kienu aktar minn mitt sena ilu, festi tal-Madonna u mhux festi tal-każini? Kapaċi aħna nqimu lill-Madonna mhux lit-titlu li poġġejnielha? Kapaċi aħna ngħoġbu lil din l-omm tagħna lkoll billi nersqu lejn xulxin minkejja d-differenzi?

Omm tagħna Marija, nafu li int tħobbna lkoll l-istess. Nafu li m'hemm xejn li jogħġbok aktar milli li tara lilna uliedek kollha magħqudin bejnietna. Nafu li dan hu dak li tixtieq tara fostna. Għinna, nitolbuk, agħllimna, npoġġu fil-ġenb il-weġgħat tal-imgħoddi li ssawwru fl-identità tagħna l-Imqabbin li ħabba fihom tlifna dik l-għaqda li int tixtieq tara fostna. Iftħilna għajnejna biex ma narawx blu jew aħmar meta nħarsu lejk, imma li naraw biss lilek, l-omm tagħna, safja, sabiħa, tarmi d-dija. Berikna lkoll, Madonna, u wassalna biex f'raħalna nkunu verament strument ta' paċi u ta' għaqda.

Sub tuum praesidium confugimus, sancta dei genetrix. Nostras deprecationes ne despicias in necessitatibus, sed a periculis cunctis libera nos semper, virgo gloriosa et benedicta.

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, omm qaddisa ta' Alla. La twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o verġni glorjuża u mbierka.